MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 402/2003

**Winston Fenech**

**vs**

**Oliver Abdilla u b'digriet ta' l-10 ta' Gunju, 2003, it-Tribunal jordna l-kjamat fil-kawza ta' Anthony Abdilla**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Frar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u sebgha u disghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm997.76) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' materjal u xoghol li sar mill-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 19 ta' Lulju, 2002 u bl-imghax kummercjali sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Rat ir-risposta tal-konvenut Oliver Abdilla pprezentata fl-20 ta' Marzu, 2003 fejn intqal:**

**1. Illi, fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-azzjoni hekk kif promessa mill-attur hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili.**

**2. Illi, fit-tieni lok u wkoll in linea preliminari, l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi qatt ma ngaggja lill-attur halli jaghmel ix-xoghol li qieghed jitlob il-hlas tieghu.**

**3. Illi, fit-tielet lok is-servizz resi u x-xoghol maghmul mill-attur mhux skond is-sengha u l-arti tant illi l-konvenut sofra wkoll xi Danni minhabba l-istess xoghol.**

**4. Illi, fir-raba' lok u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-attur huwa fi kwalunkwe kaz ezagerat.**

**5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-Ligi.**

**Ra d-digriet ta' l-10 ta' Gunju, 2003 fejn it-Tribunal ordna l-kjamat fil-kawza ta' Anthony Abdilla.**

**Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza Anthony Abdilla pprezentata fit-18 ta' Settembru, 2003 fejn intqal:**

**1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-azzjoni hekk kif premessa mill-attur hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.**

**2. Illi fit-tieni lok, ix-xoghol kondott mill-attur mhux skond is-sengha u l-arti.**

**3. Illi finalment l-ammont mitlub mill-attur huwa fi kwalunkwe kaz ezagerat.**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-Ligi.**

**Semghet ix-xhieda ta' Winston Fenech, Oliver Abdilla, Anthony Abdilla. Ra l-atti u d-dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lill-avukati tal-partijiet jitrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-attur qed jitlob il-hlas ghal materjal u xoghol li sar minnu fuq ordni tal-konvenut. Il-konvenut qed ighid li mhux il-legittimu kontradittur u gie kjamat fil-kawza Anthony Abdilla.**
**2. Mid-Dok A li hija l-kwotazzjoni ta' l-accettazzjoni tax-xoghol datata 25 ta' Awissu, 1995 din saret fuq Mr Tony Abdilla, cioe' l-kjamat in kawza. Fl-istess formola hemm indikat illi dana jigi missier il-proprjetarju, cioe' missier Oliver Abdilla.**
**3. Fil-fatt l-attur jikkonferma illi kien qabbdu Anthony Abdilla biex jaghmel ix-xoghol, pero' skond l-istess xhud meta kien wasal biex jispicca x-xoghol kien qal lil Oliver Abdilla biex ihallsu.**
**4. Skond l-attur ix-xoghol bdieh fl-1995 u spiccah fis-sena 2002. f'dan ir-rigward l-attur isemmi diversi dati u l-ahhar data li jsemmi hi dik ta' Mejju, 2000 meta jghid li wasal l-irham tal-kamra tal-banju u l-konvenut kien sejjahlu biex iwahhal l-irham.**
**5. Il-konvenut ighid li hu personalment qatt ma qabbad lill-attur biex jaghmillu x-xoghol, ghalkemm jammetti illi x-xoghol sar fil-fond proprjeta' tieghu. L-istess konvenut ighid li lilu qatt ma tahx kont hlief ghal xi xahrejn jew tlett xhur qabel ma fetah din il-kawza. L-istess Oliver Abdilla jghid li gimghat qabel ma rcieva minghand l-avukat: "wara li ltqajna jiena offrejtlu li nhallas ta' l-*earth electrode* u c-certifikat ta' l-elettriku, dan kien fil-2003". Sussegwentement ix-xhud ikkorega ruhu u qal li dan kien fis-sena 2002 xi tlieta jew erba' gimghat qabel Lulju, 2002.**
**6. Jirrizulta illi kien Oliver Abdilla illi waqqaf lill-attur milli jkompli x-xoghol u skond hu dan kien minhabba negligenza u danni.**
**7. Anthony Abdilla jghid li kien hu li qabad lill-attur biex jahdem fil-post, pero' skond dan ix-xoghol ilu li spicca xi tlieta jew erba' snin.**
**8. Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal jirrizulta illi ghalkemm kien il-missier li ffirma l-ordni ghax-xoghol, dan kien qed isir ghal ibnu l-konvenut. Tant hu hekk illi kien il-konvenut illi ttermina x-xoghol lill-attur. In oltre kien ukoll il-konvenut illi kien kellem lill-attur dwar il-prezz ta' l-earth electrode u c-certifikat ta' l-elettriku. Huwa minnu illi dak illi qed ighid il-**

**konvenut jista' jidher kontradittorju pero' fil-fatt mhuwiex tenut kont tal-fatt li x-xoghol kien qed isir fil-proprjeta' tieghu, illi missieru kien iffirma ghalih kif ukoll ic-cirkostanzi l-ohra li ssemmew.**

**9. Ghalhekk it-Tribunal hu tal-fehma li r-relazzjoni guridika f'dan il-kaz kienet mal-konvenut u mhux mal-kjamat fil-kawza.**

**10. Tqajjem il-punt tal-preskrizzjoni cioe' li l-azzjoni hi preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2149(a) u cioe' l-preskrizzjoni bl-gheluq sentejn. Din il-kawza giet prezentata fil-21 ta' Frar, 2003. Ma jirrizultax illi qabel intbaghtu xi ittri ufficjali li nterrompew il-preskrizzjoni. Ghalhekk tenut kont illi *ex admissis* il-konvenut ighid illi kien offra l-pagament xi tlieta jew erba' gimghat qabel Lulju 2002, jigi illi meta ghamel tali offerta hu kien qed jinterrompi l-perjodu preskrittiv u dana a tenur ta' l-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili, kif ukoll skond ma jirrizulta mill-gurisprudenza citata fir-rigward mill-abbli difensur ta' l-attur, "Giovanni Camilleri vs Salvatore Mangion" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Ottubru, 1927 (Vol XXVI, Part I, page 441 – 443), "Giorgio Demarco et vs Giovanni Aquilina" deciz mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Gunju, 1946 (Vol XXXVI Part I Page 639-641). Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata m'ghandhiex tigi milqugha.**

**11. Dwar il-meritu ma ngiebet l-ebda prova sostanzjali illi x-xoghol ma kienx skond is-sengha u l-arti, tant illi matul is-snin li dam jahdimlu l-konvenut ma kienx waqqfu hlief fis-sena 2002. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova fir-rigward.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt illi qed jillibera lil Anthony Abdilla mill-osservanza tal-gudizzju, u jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvent illi l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili, qed jilqa' t-talba attrici fil-konfront ta' l-istess Oliver Abdilla u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' disa mija sebgha u disghin lira sitta u sebghin centezmu (Lm997.76). Bl-imghax legali dekorribli mill-4 ta' Marzu, 2003.**

**L-ispejjez dawk inkluzi tal-kjamat in kawza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------